# Magistrat
# Dottor Conseulo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**
**Vs**

**NAZZARENO BALDACCHINO**

**Illum 14 ta' Jannar, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat lil **NAZZARENO BALDACCHINO** ta' sebgha w tletin sena, bin Carmel u Dolores nee` Farrugia, mwieled Mqabba fl-ghaxra ta' Dicembru 1963 u residenti 11, Triq ix-Xriek, Mqabba, detentur ta' karta tal-identita` numru 655363(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmintax ta' Jannar 2000 u matul ix-xahar ta' qabel din id-data, bhala detentur tal-fond Sunray Butcher, Triq il-Parrocca, Mqabba, ukoll wara inzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-elettriku, tal-kwalita` mehuda jew

ikkunsmata, kkometta serq ta’ dawl tal-elettriku mill-fond Sunray Butcher, Triq il-Parrocca, Mqabba fl-ammont li huwa aktar minn mitt liri Maltin izda inqas minn elf liri Maltin, jew bhala detentur tal-fond jew il-persuna li ghandha il-fond msemmi, fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita` mill-Ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjes ta’ l-esperti mahtura mill-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-erbatax ta' Jannar, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq salv li ssibu hati tal-akkuza kif addebitata lilu.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni b'mod partikolari lil Silvio Decelis, rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta li stqarr li l-imputat wasal f'arrangament mal-Korporazzjoni li jhallas dan d-debitu tieghu f'ammonti mensili u konsekuttivi ta' mitt lira maltin.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi, wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat NAZZARENO BALDACCHINO hati tal-akkuza, li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mill-lum ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tiddikjara li peress li l-ispejjes tal-esperti gew maghmula fi stadju tal-inkjesta u mhux tul dawn il-proceduri, in linea tas-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali* fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia *deciza nhar s-sittax ta' Jannar, 1998,* qed tichad t-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**